MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 138/2007

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera Manufacture Des Montres Rolex SA**

**Vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Doreen Aquilina nominati b’digriet tas-26 ta’ Frar 2007 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta’ esportatrici PREMERA (H.K) INT’L CO. LTD u lill-kunsinjatarju ALTAWAREG.CO u b’digriet tad 9 ta’ April 2007 il-P. L. Doreen Aquilina giet sostitwita bil P.L. Luisa Tufigno.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine issottometta illi:

Illi s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja tad-dritt registrat l-Ufficcju tal-Propjeta' Industrijali ta' Malta (Dok MMR1 u MMR2) msejjah ROLEX, liema dritt gie registrat f'Malta l-ewwel darba fis-17 ta' Frar 1970, moghti n-numru ta' registrazzjoni 10367, liema dritt kien gie mgedded kif tirrikjedi l-Ligi, l-ahhar darba fis-17 ta' Frar 1998;

Illi fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 2006807 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema *container* kien fih total ta' elf u mitt (1,100) arlogg (Dok MMR3) kollha bil-marka 'ROLEX' u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' propjeta' intellettwali;

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li l-arloggi hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kelma ROLEX u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' *Manufacture de Montres Rolex SA*, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali ta' *Manufacture des Montres Rolex SA* (Dok MMR4);

Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilmentt ghal decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa ALTAWAREG.CO minn Benghazi, Libya, dan skond dak citat fil-polza ta' tghabbija numru TSZH004570 (Dok MMR5);

Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukolll ta' l-artiklu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416) huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta' l-istess Kap 414;

Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-oggetti konsistenti f'arloggi li fuqhom hemm is-sinjal ROLEX, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 2006807 kontenenti l-imsemmija arloggi, jikkontravjenu d-drittijiet ta' propjeta' intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha ROLEX moghtija n-numru ta' registrazzjoni 10367 (Dok MMR1 u MMR2);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali arloggi 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-arloggi, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-arloggi kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta' transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, nkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija arloggi ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta'

distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta’ l-istess arloggi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir**-risposta mahlufa ta’ l-intimati** a fol. 32 tal-process fejn qalu:

Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu t-twegiba taghhom aktar ‘il quddiem.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat l-affidavit ta’ Dr. Peter Fenech noe; ta’ George Agius, Ufficjali tad-Dwana u d-dokument a fol. 61/66 dwar l-awtenticita’ tal-oggetti;

Rat li dawn il-provi ma gew bl-ebda mod ikkontestati;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Mill-provi prodotti jidher li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet attrici;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b’dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------